MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2005

Numru 1128/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH CORDINA**

**VS**

**NICOLAE DUMITRU**
**STELICA CORNEANU**
**VASILE USTUROI**
**TEODORA CARMEN STANCIU**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Nicolae Dumitru ta’ 29 sena, imwieled ir-Rumania, nhar is-16 ta’ April, 1975, detentur tal-passaport numru 04405808 mahrug Bucharest fil-15 ta’ Awissu, 2000;

Stelica Corneanu ta’ 43 sena, imwieleda ir-Rumania, nhar il-15 ta’ Jannar, 1962, detentrici tal-passaport numru 05760478 mahrug Dolj fil-15 ta’ Marzu, 2002;

Vasile Usturoi ta’ 35 sena, imwieled ir-Rumania, nhar it-30 ta’ Ottubru, 1969, detentur tal-passaport numru 08196262 mahrug Bucharest fil-11 ta’ Novembru, 2003;

Teodora Carmen Stanciu ta’ 22 sena, imwieled ir-Rumania, nhar fid-9 ta’ Novembru, 1982, detentur tal-passaport numru 09567897 mahrug Bucharest fit-2 ta’ Novembru, 2004;

U takkuzahom talli fid-29 ta’ Dicembru, u fil-granet precedenti, f’San Giljan u f’diversi inhawi ohra f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, b’mezzi kontra il-Ligi, jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdew b’qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b’ohra sabiex iggieghlu titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex titqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh ta’ aktar minn Lm4,000.00 b’detriment tas-socjetajiet *Bank of Valletta Ltd u HSBC Malta Ltd.,* u persuni ohrajn;

U aktar talli taht l-istess cirkustanzi, ghamlu qliegh b’qerq ta’ aktar minn Lm4,000.00;

U aktar talli taht l-istess cirkustanzi, ghamlu falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskritturi jew fil-firem, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

U aktar talli taht l-istess cirkustanzi, xjentement ghamlu uzu minn tali atti falsifikati;

U aktar talli taht l-istess cirkustanzi, ikkommettew serq ta' aktar minn Lm4,000.00 b'detriment tas-socjetajiet *Bank of Valletta Ltd., HSBC Malta Ltd.,* u persuni ohrajn, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, lok u hin;

U aktar talli taht l-istess cirkustanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

U aktar talli taht l-istess cirkustanzi, bi skop ta' qliegh jew kummerc, bnew, biddlu, ghamlu, ippossedew, bieghu jew xtraw xi apparat li bih ikunu jistghu jikkommettu kontra l-Ligi ma' sistema ta' telekomunikazzjoni;

U aktar talli taht l-istess cirkustanzi, minghajr awtorizzazzjoni, ghamlu uzu ta' *computer* jew xi taghmir jew apparat iehor biex jidhlu f'xi *data software* jew dokumentazzjoni ta' appogg li jinzammu f'dak il-*computer*, jew f'xi *computer* iehor, jew uzaw, ikkupjaw jew immodifikaw kull *data software* jew dokumentazzjoni ta' appogg bhal dawk;

U aktar talli taht l-istess cirkustanzi, minghajr awtorizzazzjoni, ghamlu *output* ta' xi *data software* jew dokumentazzjoni ta' appogg bil-*computer* li jkunu qed jinzammu fih, sew billi dawn jittellghu bi xbiegha jew b'kull mod iehor li jkun;

U aktar talli taht l-istess cirkustanzi, minghajr awtorizzazzjoni, ikkupjaw kull *data software* jew dokumentazzjoni ta' appogg, ghal kull medjum ta' hzin li ma jkunx dak li ssoltu jinzamm fih jew ghal imkien differenti fil-medjum ta' hzin fejn soltu jinzamm;

U aktar talli taht l-istess cirkustanzi, minghajr awtorizzazzjoni, gharrqu t-thaddim ta' xi sistema, *software* jew l-integrita' jew affidabilita' ta' xi *data;*

U aktar talli taht l-istess cirkustanzi, minghajr awtorizzazzjoni, hadu pussess ta’ xi *data software* jew dokumentazzjoni ta’ appogg jew ghamlu uzu minnu;

U aktar talli taht l-istess cirkustanzi, minghajr awtorizzazzjoni, uzaw il-kodici tad-dhul, *password,* isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz iehor tad-dhul, jew informazzjoni ta’ identifikazzjoni ta’ xi persuna ohra f’*computer;*

U aktar talli taht l-istess cirkustanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli b’detriment tas-socjeta’ *HSBC Malta Ltd.,* liema hsarat jammontaw ghal aktar minn Lm1,000.00.

Rat in-nota tal-Avukat General li permezz taghha jew indikati l-Artikoli relattivi tal-Ligi li fuqhom ghandhom l-imputati jigu ggudikati, liema nota hija datata 2 ta’ Frar, 2005.

Rat li fis-seduta tal-lum, l-imputati, wara li taw il-kunsens taghhom li jigu ggudikati minn din il-Qorti, ammettew ghall-akkuzi kif dedotti, anke wara li l-Qorti debitament tathom zmien bil-Ligi jikkunsidraw din l-ammissjoni.

Rat id-dokument esebiti.

Ikkunsidrat:

Rar l-Artikoli.

Fuq ammissjoni, ssib lill-imputati hatja tal-akkuzi, kif dedotti, u tikkundannahom ghal terminu ta’ prigunerija ta’ sentejn (2) sospizi ghal erba’ (4) snin, *ai termini* tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputati.

Tordna r-rilaxx tal-passaporti tal-imputati mill-Process, kontra d-debita ricevuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------